



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0250(COD)

6488/21
ADD 1

JAI 199
FRONT 72
ENFOPOL 70
CADREFIN 92
CT 16
CODEC 260

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għas-Sigurtà Interna¹ (minn hawn 'il quddiem "FSI" jew "il-Fond") taħt l-Intestatura 5 (Sigurtà u difiża) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.
2. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-sessjoni plenarja tat-13 ta' Marzu 2019².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja tat-18 ta' Ottubru 2018³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ma tax opinjoni dwar dan il-Fond.
5. Fis-7 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali⁴ li serva bħala mandat inizjali għal negozjati mal-Parlament Ewropew. Fit-12 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali⁵ dwar il-proposta msemmija hawn fuq.
6. Il-koleġislaturi ħadu sehem f'negozjati fit-tieni nofs tal-2019. Fit-trilogu tal-10 ta' Diċembru 2020, il-koleġislaturi laħqu qbil proviżorju, li ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-16 ta' Diċembru 2020⁶. Fil-laqgħa, it-test ippreżentat mill-Presidenza rċieva l-appoġġ meħtieġ mid-delegazzjonijiet. Wara dan, il-ħidma komplet fuq livell tekniku, b'mod partikolari biex jiġu ffinalizzati wħud mill-premessi, it-terminoloġija, id-dispożizzjonijiet dwar ir-retroattività biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-finanzjament, u l-indikaturi.

¹ 10154/18 + ADD 1

² 7404/19

³ 13774/18

⁴ 10137/19

⁵ 11945/20 + COR 1.

⁶ 13862/1/20 REV 1

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti analizza t-test ta' kompromess finali⁷ bil-ħsieb ta' qbil fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Frar 2021.
8. Fl-1 ta' Marzu 2021 il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil politiku. Il-President tal-Kumitat LIBE bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, fejn ikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova dan it-test fl-ewwel qari, wara revizzjoni mill-ġuristi-lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil politiku⁸ fil-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Marzu 2021.

II. OBJETTIV

10. L-objettiv ta' politika tal-Fond huwa li jikkontribwixxi biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevjeni u jiġġielek kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata, u ċ-ċiberkriminalità, billi jassisti u jipproteġi lill-vittmi tal-kriminalità kif ukoll billi jħejji għal, jipproteġi kontra u jimmaniġġa b'mod effettiv inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.
11. Il-Fond ser jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi li ġejjin: (i) it-titjib u l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-korpi rilevanti tal-Unjoni u, fejn rilevanti, ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali; (ii) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni transfruntiera, inkluż l-operazzjonijiet konġunti bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri b'rabta mat-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata b'dimensjoni transfruntiera; (iii) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri b'rabta mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà.

⁷ 6106/2/21 REV 1

⁸ 6691/21

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

12. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("qbil bikri fit-tieni qari").
13. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni. L-elementi ewlenin ta' dan il-kompromess huma miġbura fil-qosor hawn taħt.
14. Aġenziji ta' finanzjament: Fl-Artikolu 17, ġie miżjud paragrafu biex l-aġenziji tal-Unjoni jsiru eliġibbli b'mod eċċezzjonali għal finanzjament meta jassistu fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet tal-Unjoni li jaqgħu fil-kompetenza tal-aġenziji u daww l-azzjonijiet ma jkunux koperti mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-aġenziji permezz tal-baġit annwali.
15. Azzjonijiet f'pajjiżi terzi u b'rabta magħhom: Sar kompromess mal-PE dwar iż-żieda fl-Artikolu 8 li parti sinifikanti tal-finanzjament mill-faċilità tematika għandha tappoġġa azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom "biex jingħata kontribut għall-ġestjoni esterna tal-migrazzjoni". Il-formulazzjoni nbidlet għal "għall-ġlieda kontra l-kriminalità u l-prevenzjoni tagħha, inkluż it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-ġlieda kontra n-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin kriminali transkonfinali".
16. "Kooperazzjoni fl-intelligence": Il-pożizzjoni tal-PE kienet tinkludi emenda li tintroduċi l-iżvilupp ta' kultura ta' intelligence komuni bħala r-raba' objettiv speċifiku. Bħala kompromess, intlaħaq qbil proviżorju dwar premessa rigward il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kriminalità serja u organizzata u t-terroriżmu.
17. Tagħmir standard: L-Artikolu 4(3)(b) fil-proposta tal-Kummissjoni, li kien ser jeskludi x-xiri jew il-manutenzjoni ta' tagħmir standard mill-finanzjament, ġie sostitwit bi premessa.

18. Azzjonijiet mhux eliġibbli li għandhom ikunu eliġibbli f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza:
Fl-Artikolu 4(3), meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, hemm għadd aktar limitat ta' azzjonijiet mhux eliġibbli li huma eliġibbli f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.
Pereżempju, azzjonijiet bi skop militari jew ta' difiża jibqgħu mhux eliġibbli.
19. Xiri ta' tagħmir: Il-perċentwal tal-allokazzjoni ta' programm ta' Stat Membru li jista' jintuża għax-xiri ta' tagħmir żdied minn 15 % fil-proposta tal-Kummissjoni għal 35 %.
20. Appoġġ operazzjonali: Il-perċentwal tal-allokazzjoni li jista' jintuża għall-appoġġ operazzjonali żdied minn 10 % għal 20 %.
21. Atti delegati vs atti ta' implimentazzjoni: Il-Kummissjoni ser tadotta l-programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni (proċedura ta' eżami).

IV. KONKLUŻJONI

22. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq qbil dwaru bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
23. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tirrappreżenta kompromess bilanċjat u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jaqdi rwol ewlieni fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata, u ċ-ċiberkriminalità, u b'hekk jikkontribwixxi biex jiġi garantit livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.